MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 509/2010

**George Borg**

***kontra***

**Mary Calleja, u b`digriet tat-30 ta` Settembru 2010 gie kjamat in kawza Emanuel Calleja, ir-ragel tal-konvenuta Mary Calleja**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-17 ta` Mejju 2010 li jaqra hekk –

*1. Illi l-kontendenti f`din il-kawza huma t-tnejn ahwa u ulied tal-illum mejta Joseph u Lorenza konjugi Borg ;*

*2. Illi Lorenza Borg mietet nhar il-31 ta` Jannar 2005, liema mewt sehhet wara dik ta` zewgha d-defunt Joseph Borg ;*

*3. Illi peress illi l-attur qed jipprevalixxi ruhu mil-ligi u mhux qed jaccetta l-prelegat imholli lilu izda qed jinsisti li hu bhala bin Lorenza Borg jinghata l-porzjoni riservata skond il-ligi u cioe` fil-kaz odjern sest (1/6) mill-massa ereditarja kollha tal-illum mejta Lorenza Borg ;*

*4. Illi premess illi tali legittima hija mharsa u spettanti lill-attur skond il-ligi u ghandha tithallas lil min hu ntitolat (f`dan il-kaz l-attur) qabel kollox ;*

*5. Illi l-attur ghalhekk kellu jiftah din il-kawza billi qed jikkontendi illi l-legat imholli lilu ma jissodisfax il-porzjoni riservata spettanti lilu skond il-ligi u ghalhekk huwa gja` ressaq kawza fejn huwa qed jitlob dan liema kawza ggib ir-rikors mahluf bin-numru 370/2008/JZM ;*

*6. Illi waqt din il-kawza giet esebita skrittura min-naha tal-konvenuta (Dok. GB1), liema skrittura ggib id-data tat-28 ta` Ottubru 2004 u liema skrittura tikkontempla illi Lorenza Borg tghaddi s-somma totali lill-intimata Mary Calleja ta` tnejn u tletin elf u erba` mitt Lira Maltin (Lm32,400) ekwivalenti llum ghas-somma ta` hamsa u sebghin elf u erba` mija u tnejn u sebghin Euro (EUR75,472) u dana minhabba skond dak li hemm premess fl-istess skrittura l-intimata Mary Calleja pprestat servigi lil Lorenza Borg kif ukoll inkorriet spejjez minhabba d-defunta Lorenza Borg ;*

*7. Illi r-rikorrent George Borg jirrileva li din l-iskrittura saret ad insaputa tieghu u huwa gie a konoxxenza taghha biss waqt il-proceduri inizzjati minnu u li hemm referenza ghalihom aktar `il fuq u dana gie kkonfermat mill-istess intimata in kontro-ezami fil-proceduri hawn fuq indikati ;*

*8. Illi r-rikorrent jirrileva illi l-iskrittura datata 28 ta` Ottubru 2004 m`hi xejn fis-sustanza, ghajr donazzjoni li wettqet inter vivos id-defunta Lorenza Borg a favur l-intimata Mary Calleja ;*

*9. Illi l-mod u l-forma li saret fiha tali donazzjoni jmur kontra dak dispost fl-Artiklu 1753 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta` Malta, u ghalhekk tali donazzjoni mid-defunta Lorenza Borg ghall-intimata Mary Calleja hija wahda nulla skond il-ligi ;*

*10. Illi ghalhekk wara li tigi ddikjarata n-nullita` tal-iskrittura datata 28 ta` Ottubru 2004 tali fondi hemmhekk donati a favur tal-intimata Mary Calleja ghandhom jergghu jifformaw parti mill-massa ereditarja tad-defunta Lorenza Borg.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent George Borg umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati, joghgobha :*

*1. Tiddikjara illi l-iskrittura datata 28 ta` Ottubru 2004 hija skrittura ta` donazzjoni ai fini u effetti kollha tal-ligi ;*

*2. Tiddikjara illi tali donazzjoni ma saritx bil-mod u l-forma li tirrikjedi l-ligi ;*

*3. Tiddikjara konsegwentement in-nullita` tal-iskrittura datata 28 ta` Ottubru 2004 ;*

*4. Tiddikjara li ai fini u effetti kollha tal-ligi l-fondi donati mid-defunta Lorenza Borg lill-intimata Mary Calleja skond l-iskrittura datata 28 ta` Ottubru 2004 ghandhom jifformaw parti mill-massa ereditarja tad-defunta Lorenza Borg.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta li minn issa qed tigi ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u d-dokument esebit mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta pprezentata fil-<u>11 ta` Gunju 2010</u> li taqra hekk –

*1. Preliminarjament, illi l-gudizzju mhux integru billi parti fl-iskrittura li qed tigi attakkata mhux parti f`din il-kawza.*

*2. Fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-iskrittura li qed tigi attakkata mhix donazzjoni izda likwidazzjoni u hlas ta` debitu u ghalhekk id-disposizzjoni tal-Art. 1753 tal-Kap. 16 – li fuqu l-attur qed jibbaza l-azzjoni tieghu – mhux applikabbli.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda ndikati minnha.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-30 ta` Settembru 2010 fejn laqghet it-talba tal-attur ghall-kjamata fil-kawza ta` Emanuel Calleja, li jigi r-ragel tal-konvenuta.

Rat ir-risposta guramentata tal-kjamat in kawza pprezentata fis-7 ta` Dicembru 2010 li taqra hekk –

*1. Illi l-iskrittura li qed tigi attakkata mhix donazzjoni izda likwidazzjoni u hlas ta` debitu ghal spejjez inkorsi u servigi moghtija minni u minn marti lill-kunjata tieghi Lorenza Borg fuq perjodu twil ta` snin u ghalhekk id-disposizzjoni tal-Art. 1753 tal-Kap. 16 – li fuqu l-attur qed jibbaza l-azzjoni tieghu – mhux applikabbli.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kjamat in kawza, u l-lista tax-xhieda ndikati minnu.

Rat ix-xiehda bl-affidavit tal-attur (fol 28 sa 29).

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-11 ta` April 2011 fejn laqghet it-talba tal-attur sabiex il-provi li ngabru fil-kawza bejn l-istess partijiet bin-Nru.370/08 JZM jigu esebiti bhala prova ghall-fini ta` din il-kawza.

Rat in-nota bil-provi li ngabru fl-imsemmija kawza bejn il-partijiet li pprezenta l-attur (fol 37 sa 79).

Semghet il-kontroezami tal-attur fl-udjenza tal-31 ta` Ottubru 2011 (fol 81 sa fol 101).

Semghet ix-xiehda tal-kjamat fil-kawza fl-udjenza tat-3 ta` Frar 2012 u rat id-dokumenti li kienu esebiti mix-xhud (fol 105 sa fol 141).

Semghet fl-udjenza tat-12 ta` April 2012 il-kontroezami tal-konvenuta (fol 143 sa fol 157) u l-bqija tal-kontroezami tal-attur (fol 158 sa fol 160).

Rat illi l-gbir tal-provi kien konkluz fl-udjenza tat-12 ta` April 2012.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-22 ta` Ottubru 2012 fejn, wara li kkostatat illi l-partijiet ma kellhomx x`izidu mas-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub, halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

**II. <u>Provi</u>**

Fl-affidavit tieghu, l-**<u>attur</u>** jixhed illi kien fil-kawza l-ohra li ghandu ma` ohtu l-konvenuta li sar jaf li ommu Lorenza Borg kienet ghamlet kitba mal-konvenuta u ma` zewgha l-kjamat fil-kawza bid-data tat-28 ta` Ottubru 2004. Qatt qabel ma kien jaf b`dik il-kitba. Lanqas ma ssemmiet fl-ittri li qabel kienu skambjaw l-avukati tal-partijiet. Jikkontesta dak li jinghad fl-iskrittura illi l-konvenuta kienet ilha ghal 22 sena tiehu hsieb lil ommu. Anzi jghid li dik xejn ma hi verita`. Ommu kienet tehtieg kura u assistenza biss matul l-ahhar sentejn ta` hajjitha, ossija qabel l-ahhar ta` Jannar 2005. Qabel dan iz-zmien, l-omm kienet tiehu hsieb il-bzonnijiet taghha u addirittura kienet tiehu hsieb il-bzonnijat ta` ohtu u tal-familja taghha. Ommu marret tabita ma` l-konvenuta u l-familja taghha fuq insistenza tal-konvenuta. Jaf b`dan kollu minn kliem li

kienet tghidlu ommu. Din kienet twissieh biex ma jghid xejn lill-konvenuta ghax din kienet tinsisti maghha biex lill-attur ma tghidlu b`xejn. Meta l-omm kienet tabita flimkien mal-familja tal-konvenuta kienet tkun l-omm li tiehu hsieb tal-familja tal-konvenuta u mhux bil-maqlub. Kienet ix-xoghol tad-dar, inkluz il-hasil tad-dar, il-hasil tal-hwejjeg, it-tisjir u l-kura tat-tfal ta` ohtu. Il-kitba saret biss biex ohtu u zewgha jiehdu l-flus li jissemmew fl-iskrittura. Ommu lanqas ma kellha bzonn ta` ghajnuna finanzjarja minghand il-konvenuta u zewgha. Kienet tircievi l-ghajnuna socjali. U tithallas xi cnus. Kienet bieghet ukoll xi proprjeta`. Ghalhekk ommu qatt ma kellha bzonn li xi hadd ihallsilha xi spejjez. Is-somma li tissemma fil-kitba kienet donazzjoni. Cahad li ommu kienet hallsitlu xi dejn jew taghtu xi somom ta` flus. Huwa dejjem hadem u hallas ghall-bzonnijiet tieghu. Kontra ta` ohtu li qatt ma hadmet u kienet l-omm li xtratilha post f`Santa Venera meta marret wara li zzewwget.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, l-attur ighid illi gieli kien jara lil ommu taghmel ix-xoghol tad-dar fid-dar ta` ohtu, bhal tisjir u hasil. Jaccetta bhala fatt illi kien izur lil ommu darba f`xahar. Ma setax ighid kemm kien l-ammont li kienet tircievi ommu bhala *relief.* Lanqas kemm kien ic-cekk li kienet irceviet mill-Awstralja. Ma jafx kemm kienet tircievi flus mill-hlas tac-cens ommu. Kien iz-ziju Karmenu Cassar li kien jigbor ic-cens u jaghti minnu lil ommu. Cahad li hu kellu jaghti flus lill-istess Karmenu Cassar. Ikkonferma li matul is-snin kellu diversi mandati prezentati kontrih. L-attur ma gharafx iwiegeb jekk jafx li ommu kienet kisret il-hipbone madwar 10 snin qabel il-mewtha. U li regghet kisrtiha xi erba` snin wara l-operazzjoni. Cahad li l-omm kellha kancer, li kienet kisret il-hipbone darbtejn u li fl-ahhar sitt snin minn meta kisret il-hipbone baqghet qatt ma mxiet u saret bedridden. Ommu kienet hadet xi Lm35,000 mill-Awstralja filwaqt li hu u ohtu kienu hadu Lm700 kull wiehed. Ommu kienet qaltlu li b`dawn il-flus kienet xtrat dar lill-konvenuta.

Fl-affidavit l-iehor tieghu li kien prezentat fil-kawza Nru.370/08 JZM, l-attur xehed l-konvenuta kienet dejjem tara kif taghmel halli huwa jkollu l-inqas kuntatt m` ommu. Ighid fost hwejjeg ohra illi ommu kienet ilha madwar 16-il sena tghix ma` ohtu. Minn ricerka li ghamel, sab illi ftit qabel mietet, l-omm kienet bieghet proprjeta` u gabret Lm80,000. Ghalhekk, skond l-attur, kien impossibbli li dik is-somma ntefqet kollha fi ftit xhur.

Fil-kontroezami wara dak l-affidavit, l-attur cahad li ommu ma riditx tarah wara li dan kien hareg ghaliha b`senter. L-attur baqa` jsostni sostna li ommu kienet qaltlu li kienet rceviet flus mill-Awstralja. Qal li ommu kienet wirtet minghand ommha xi immobbli, fosthom tomna raba`. Kien inbiegh post f`Santa Venera li kellha sehem indiviz minnu u ghalhekk kienet irceviet flus minn hemm. Cahad li ommu qatt hallsitlu dejn. Cahad li xtratlu trakk tal-barriera. U cahad li xtratlu arja f`Hal Qormi. Huwa kien f`relazzjoni tajba ma` ommu hlief ghall-ahhar tmien xhur ta` hajjitha.

**<u>Mary Borg</u>** mart l-attur xehdet fil-kawza Nru.370/08 JZM. Tghid li Lorenza omm zewgha kienet ikkontrollata minn ohtu l-konvenuta u kien jidher li tibza` minnha. Lorenza mardet u haduha l-isptar bla ma hi u zewgha kienu nfurmati. Il-konvenuta kienet tghaddi kummenti fis-sens li ommha ma kellhiex flus pero` dak ma kienx il-kaz. Saret taf li l-konvenuta kienet il-prokuratrici tal-omm.

Ghal domandi in **<u>kontroezami</u>** waqt dik il-kawza, ix-xhud qalet li kien hemm okkazjonijiet fejn il-konvenuta u zewgha kienu jgibu lil kunjata d-dar taghhom biex tarahom. Kemm-il darba, hi u zewgha kienu jsiru jafu minghand in-nies li l-kunjata tkun rikoverata l-isptar. Fil-fatt il-kunjata kienet marret zgur xi hames darbiet l-isptar. Qabel mietet, lanqas ma kienu nfurmati li l-kunjata kienet l-isptar. Oht ir-ragel taghha kienet dejjem tara x`tohloq biex twarrab il-kuntatt taghha, ta` zewgha u ta` uliedhom ma` Lorenza Borg. Il-kunjata kienet irceviet madwar

Lm250 minghand hutha peress li kienet daret b`ommha. Kellha dhul minn kera ta` post li kellha in komun ma` hutha. Insistiet li Lorenza Borg kellha flus il-bank, ghad illi l-avukat tal-konvenuta widdibha illi x-xhieda tal-bank ma kkonfermawx dak li kienbet qeghda tallega hi. Il-kunjata riedet thalli kollox lil zewgha u lil ohtu. Bidlet it-testment fuq insistenza tal-konvenuta.

Ir-rapprezentanti ta` zewg banek li ddeponew fil-kawza Nru.370/08 JZM ikkonfermaw li ma sabu l-ebda kontijiet bankarji f`isem Lorenza Borg mis-sena 1997 `il quddiem (ara fol 55 sa 58).

Fil-kawza Nru.370/08 JZM, il-**konvenuta** xehdet illi hija taf lil missierha mir-ritratti billi kien emigra lejn l-Awstralja qabel twieldet hi. Ghall-bidu, kien jibghat flus lil ommha izda wara qata` kull kuntatt. Missierha miet l-Awstralja u li hi, huha u ommha kienu rcevew flus mill-Awstralja. Ommha kienet marret toqghod flimkien maghha u ma` zewgha. Ommha kienet tghid li l-attur kien dejjem jitlobha l-flus u jekk ma taghtihx, kien ikun vjolenti maghha. Kien ghalhekk li ommha talbitha biex tmur toqghod maghha. Il-flus li ommha hadet mill-Awstralja ntefqu kollha ghall-bzonnijiet tal-attur inkluz dejn illi kellu. L-attur kellu dejn ukoll maz-ziju Karmenu Cassar. Dak id-dejn thallas mill-omm. Xtrat ukoll trakk lill-attur. L-omm kellha dhul mir-*relief*. Kellha wkoll dhul minn bejgh ta` proprjeta` li kienet wirtet minghand il-genituri taghha. Ommha kienet hadet xi Lm1,000 mill-bejgh ta` dar go Santa Venera u xi Lm80,000 minn bejgh ta` plot. Wara li kisbet dawk il-flus u wara li hallset it-taxxa, l-omm riedet thallasha tal-ispejjez u tas-servigi inkorsi minnha u minn zewgha. Ommha kellha kancer u xi tlett snin qabel mietet, kienet kisret il-hip bone u baqghet bedridden sa ma mietet. Minhabba dan, l-omm ma kenitx tithalla wahedha. Hi u zewgha kienu jhallsu ghall-ikel u ghall-medicina ta` ommha.

Fil-**kontroezami** li sar f`dik il-kawza, il-konvenuta kkonfermat li ommha kienet tatha prokura. Ikkonfermat illi hi qatt ma hejjiet rapport jew rendikont tal-amministrazzjoni taghha. U regghet ikkonfermat l-incident fejn huha kien mar ghal ommu b`senter.

Il-**kjamat fil-kawza**, li jigi r-ragel tal-konvenuta, xehed illi huwa zzewweg lill-konvenuta fis-27 ta` Frar 1972. Qabel iz-zwieg, huma akkwistaw post go Santa Venera. Il-flus tal-post kien harighom kollha hu billi ta` ghaxar snin kien diga` fin-negozju. F`ebda hin Huwa ghalhekk sostna li fl-ebda hin il-kunjata ma taghthom flus biex jixtru l-post. Il-kunjata damet tghix maghhom ghal madwar hamsa u ghoxrin sena. Kienet tiekol u tghix maghhom f`kull sens. Il-kunjata kienet mardet bil-kancer u kisret il-hipbone ; ghalhekk kellha hafna bzonnijiet. Ghamlet l-ahhar sentejn fis-sodda. Martu kienet tiehu hsieb ommha l-hin kollu. Kien hemm zmien meta l-kunjata talbitu johodha tkellem lill-Av. Joseph Zammit Maempel, li kien avukat li kien hadilha hsieb procedura li kellha fil-Qorti dwar il-wirt tal-genituri taghha. Hi xtaqet li thallashom u cioe` lill-konvenuta u lilu ghal dak kollu li ghamlu maghha. Dan sar jafu minghand Dr. Zammit Maempel wara li kien tkellem ma` Lorenza Borg. Matul iz-zmien kollu li ghexet maghhom, Lorenza Borg qatt ma tathom flus ghax flus ma kellhiex. Kienet tiehu r-*relief* biss ghax lanqas ghal pensjoni ma kienet intitolata. Wara li l-kunjata u hutha qasmu l-wirt tal-genituri taghhom, hi kellha ghall-ewwel darba flus f`idejha u riedet thallashom ta` dak kollu li ghamlu maghha.

Emanuel Calleja kompla jixhed illi r-relazzjoni bejn l-attur u ommu ma kenitx tajba ghax l-attur kien jahqar lil ommu. U esperjenza l-mohqrija hu personalment. L-attur u martu kienu jiehdu lill-kunjata ghandhom kull nhar ta` Hadd. Meta l-attur sar jaf li l-kunjata bieghet l-art li wirtet, hareg ghaliha bis-senter. Kien hemm okkazjoni ohra fejn sab lill-kunjata tibki ; qaltlu li l-attur kien taha daqqa ta` ponn. Ikkonferma li l-kunjata kemm-il darba qaltlu li hi kienet hallset djun tal-attur. Persuni ohra kien qalulu dwar

dan id-dejn fosthom Karmnu Cassar. Meta l-attur bena daru, kien ried il-flus ta` bilfors minghand ommu.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud baqa` jsostni li l-kunjata damet madwar sentejn bedridden qabel mietet u ghalhekk kellha bzonn lil xi hadd jiehu hsiebha kull hin tal-gurnata. Qabel mardet, Lorenza Borg kienet tinsisti li taghti daqqa ta` id lil martu u ghalhekk kienet issajjar. L-affarijiet kienet tixtrihom martu. Bir-*relief* li kienet tithallas, Lorenza Borg ma kenitx tlahhaq mal-bzonnijiet taghha. L-attur ma baqax izuru lil ommu hlief ghal xi darbtejn qabel mietet. Ikkonferma li l-incidenti fejn l-attur habat ghal ommu kienu graw zmien twil qabel. Pero` wara l-incident tas-senter, inqata` kull kuntatt.

Kompla jixhed illi l-flus li hu u martu thallsu skond l-iskrittura minghand il-kunjata kienu parti biss mill-flus li kellha fil-pussess wara l-bejgh tar-raba`. Il-bqija tal-flus kienu ntefqu fi spejjez ohra. L-attur ma kienx jaf bl-iskrittura peress li dak iz-zmien huwa ma kienx f`kuntatt ma` ommu jew mieghu u ma` martu. L-attur kien dejjem jokrob ghall-flus u li gieli anke staqsa lil martu biex taghtih flus u fil-fatt taghtu wkoll xi flus. Ighid li ghall-bidu hu ma riedx jithallas minghand il-kunjata ghax dak li kienu ghamlu maghha hu u martu ma kienx intiz biex jithallsu, izda mbaghad il-kunjata baqghet tinsisti li thallashom, u accettaw.

Fuq domanda tal-Qorti dwar jekk il-flus li nghataw ai termini tal-iskrittura kinux moghtija b`rigal, ix-xhud afferma li dawn inghataw sabiex martu tithallas talli daret b`ommha.

L-**Av. Dr. Joseph Zammit Maempel** xehed fil-kawza Nru.378/08 JZM. Qal illi Lorenza Borg kienet talbitu jmur ikellimha fid-dar fejn kienet tirrisjedi ma` bintha u l-familja taghha. Kienet qaltlu li xtaqet thallas lil bintha u lil zewgha ghall-ispejjez li hallsulha u ghas-servigi li

rrendewlha. Riedet li l-hlas isir b`mod legali ghaliex kienet taf li binha kien ser jaqla` l-inkwiet lil ohtu wara mewtha. Lorenza Borg qaltlu li kienet tat ammont ta` flus lil binha u li hi kienet tathomlu jew hallsitlu d-djun li kellu, peress li dan kien ikun vjolenti maghha u sa anke kien mar ghaliha b`senter. Lorenza Borg qaltlu wkoll illi bintha u zewgha mhux biss kienu jiehdu hsieb kull ma kellha bzonn, izda kienu anke jixtrulha dak li tkun tehtieg. Flimkien ma` Lorenza Borg sar kalkolu tal-ispejjez u tas-servigi li bintha u zewgha kienu rrendewlha u waslu ghall-figura ta` Lm1,200 fis-sena li kienet accettata minn Lorenza Borg. Meta nforma lil Mary Calleja bix-xewqa ta` ommha li tikkumpensa lilha u lil zewgha, din kienet qaltlu li hija ghamlet kollox mill-qalb. Ix-xhud ikkonferma li l-iffirmar tal-iskrittura sar quddiemu. Spjega li Lorenza Borg ma kenitx taf tikteb u ghalhekk ghamlet salib, wara li din l-iskrittura giet moqrija lilha u l-kontenut kien spjegat lilha mill-istess Av. Zammit Maempel.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Risultanzi</u>**

Bit-talbiet tieghu fil-kawza tal-lum, l-attur irid iwassal lil din il-Qorti biex tghid illi l-ftehim bil-miktub tat-28 ta` Ottubru 2004 bejn Lorenza Borg, il-konvenuta u l-kjamata fil-kawza ma kien propju xejn ftehim dwar hlas ta` servigi izda donazzjoni. U ghax kien donazzjoni, skond l-attur, ma sarx kif trid il-ligi u ghalhekk din il-Qorti ghandha tiddikjara dak il-ftehim null u thassar l-effetti tieghu billi tordna li l-flus li thallsu skond dak il-ftehim jitqeghdu lura fil-massa ereditarja ta` Lorenza Borg li mietet fil-31 ta` Jannar 2005. Fid-difiza taghha ghall-istanza attrici, il-konvenuta u l-kjamata fil-kawza jsostnu li l-ftehim de quo kien ghal hlas ta` dejn li allura ma setax ikun dikjarat null kif pretiz mill-attur skond l-Art.1753 tal-Kap.16.

In vista tal-mod kif kienet impostata l-istanza attrici, din il-Qorti sejra tistharreg fl-ewwel lok biex tara jekk jirrizultawx fil-kaz tal-lum l-elementi rikjesti biex ikun hemm simulazzjoni relattiva, u fit-tieni lok, fil-kaz li tkun tirrizulta simulazzjoni relattiva, tara jekk il-ftehim veru u propju huwiex validu skond il-ligi.

Att ikun simulat meta, bil-volonta` tal-persuni li jidhru fuqu, ikollu sinifikat apparenti divers minn dak li realment ikollu. Simulazzjoni necessarjament timporta l-fatt li l-partijiet ikunu konsapevoli ta` dak li jkunu qed jaghmlu fil-kuntratt. Ghalhekk il-kunsens tal-partijiet fuqu ikun validu, madanakollu jkun qed isir bil-kunsens taghhom it-tnejn b`mod falz.

Att jista` jkun simulat b`mod assolut jew b`mod relattiv. Id-differenza bejn it-tnejn kienet spjegata fis-sentenza ta` din il-Qorti tat-12 ta` Ottubru 1950 fil-kawza fl-ismijiet “**<u>Pace et vs Lauri et</u>”** meta nghad hekk –

*Illi skond id-dottrina hemm zewg speci ta` simulazzjoni, wahda assoluta, meta l-kuntratt jkun interament fittizju u l-partijiet ma riedu jikkuntrattaw ebda obbligazzjoni – `colorem habens, substantiam vero nullam` u l-ohra relativa, meta l-partijiet ghamlu kuntratt taht apparenza ta` iehor – ` colorem habens, substantiam vero alteram` (Coen, Giurisprudenza Italiana, voce `Simulazione`, para. 72).*

*L-azzjoni li ghandha bhala bazi s-simulazzjoni assoluta ghandha bhala skop id-dikjarazzjoni tal-inezistenza assoluta tal-att ; dik li ghandha bhala bazi s-simulazzjoni relattiva ghandha bhala skop illi tigi restitwita r-realta` tal-att u mnehhija l-forma apparenti tieghu …*

(ara wkoll – Qorti tal-Appell – 27 ta` Marzu 1936 – “**<u>Seychell et vs Seychell et</u>”**).

Biex att jigi dikjarat simulat, irid jigi ppruvat illi jew il-partijiet kontraenti ma riedu jersqu ghall-ebda kuntratt jekk inkella riedu jaghmlu att iehor minn dak li effettivament iddikjaraw fl-att. Fis-sentenza tal-15 ta` Jannar 1945 fil-kawza "**Sammut noe vs Ellul**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk **–**

*Illi att ghandu jkun ritenut simulat meta bil-volonta` tal-persuni li hadu parti fih ikollu sinjifikat apparenti divers minn dak li realment ghandu. `Simulatum dicimus quum tacite aliquod agimus expresse aliud simulamus`. (Bargalio). Din is-simulazzjoni tista` tkun assoluta jew totali, bhal meta l-partijiet ma riedu jaghmlu ebda att guridiku jew relattiva jew parzjali, bhal meta jigi konkjuz att guridiku veru u reali, izda taht falza apparenza li tahbi l-vera natura tieghu….Illi dina l-Qorti bis-sentenza tal-20 ta` Mejju 1932 in re `Schembri vs Schembri`, sostniet li fil-kazi li kuntratti jigu attakkati bhala simulati, anki meta jkunu atti b`titolu gratuwitu, il-prova tas-simulazzjoni ghandha ssir minn ghand min jallegaha; u kompliet tghid li `cio` si applica con maggior rigore quando si tratta di dichiarare inesistente atti pubblici contro cui le deduzioni essere fondate su atti gravi, precisi e concordanti.` B`sentenza ohra ta` din il-Qorti tat-13 ta` Ottubru 1933 in re Bugeja vs Busuttil gie stabilit li biex tigi ppruvata s-simulazzjoni frawdolenti ` bastano anche le presunzioni e le congetture, purche` esse sieno gravi, precise e concordanti, e non contradette da altre presunzioni ed inidzi.` U b`sentenza ohra ta` din l-istess Qorti tad-29 ta` Jannar 1932 in re `Galizia nomine vs. Cuschieri` gie ritenut li fi-gudizzju ta` simulazzjoni `si deve sempre guardare agli effetti giuridici che le parti intesero ottenere mediante la stipulazione.*

Kwalunkwe att jew skrittura huwa prezunt li huwa sincier u jirrifletti l-volonta` tal-partijiet. Ghalhekk, sabiex tirnexxi azzjoni ta` simulazzjoni, l-attur jrid jipprova b`mod konvincenti u konklussiv illi l-intenzjoni u l-kunsens tal-partijiet kien li joholqu att simulat. L-oneru tal-prova ta` simulazzjoni jinkombi fuq min qed jallega s-simulazzjoni.

Fis-sentenza tal-5 ta` Dicembru 1953 fil-kawza "**Spiteri Debono vs Spiteri Debono et"** din il-Qorti qalet hekk –

*Hu ormai maghruf li s-simulazzjoni hija forma ta` frodi (Kollez. XXXII-II-392) u peress li ma tinghatax guridikament prezunzjoni ta` frodi, kwalunkwe kuntratt jew ftehim ghandu favur tieghu l-prezunzjoni tas- sincerita` u tar-realta`. Ghalhekk min irid iwaqqa` din il-prezunzjoni jisthoqqlu jgib il-prova konkludenti u perswasiva tas-simulazzjoni minnu allegata.*

(ara wkoll – Qorti tal-Appell – 26 ta` Mejju 1952 – "**Morana vs Spiteri et**").

Fis-sentenza tat-22 ta` Ottubru 1986 fil-kawza "**Cini et vs Zammit"** il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*Biex ikun hemm simulazzjoni, hija mehtiega x-xjenza tal-partijiet kollha li jridu joholqu l-att simulat; jekk dana l-kunsens ma jkunx hemm, l-att ma jkunx impunjabbli fil-konfront ta` min ma jkunx ta dak il-kunsens. Il-bona fede taghhom hija protetta mil-ligi, u l-kuntratt ghalihom jkun validu. Mhux bizzejjed li xi parti jkollha l-intenzjoni, mhix espressa u esternata lill-parti l-ohra, li taghmel att simulat. Mhux bizzejjed li l-volonta` tas-simulant tkun diskordanti mad-dikjarazzjoni li hu jaghmel fl-att. Hemm bzonn, kif ighid Butera, li jigu salvagwardati `la sicurezza e la stabilita` delle contrattazioni e la protezione di chi ha seguito la fede e` la lealta` dell` altro contraente… Conseguentemente ogni qualvolta il disaccordo e` imputabile a colpa del dichiarante, mentre l` altra parte era ignara o aveva ragione di credere vera la manifestazione di volonta`, il negozio sara` valido. Se il negozio fosse annullato, la parte danneggiata avrebbe diritto ad indennizzo; ma non puo` la legge, per la sua stessa serieta` e per l` economia dei giudizi, autorizzare l` esercizio di una azione diretta a produrre un danno, che poi per altra via obbliga a riparare….(Simulazione nei Negozi Giuridici, pag. 18).*

Fis-sentenza "**Seychell et vs Seychell et**" (op. cit.) inghad hekk –

*Il-Qorti tal-Appell taghna fis-sentenza `Galea vs Zammit` tat-3 ta` Dicembru 1919, kienet osservat ukoll illi `il mantenimento dei contratti e` di interesse generale, perche` e` principio di ordine pubblico e di pubblica economia che I titoli di proprieta` siano fermi e stabili.`…Il-Merlin (Voce Simulazione, pag 840) ifakkar illi ` l`atto pubblico avendo per se l` autorita` ed il suggello della legge, merita tutta la credenza che esigerebbe la stessa verita`;. Skond il-ligi Romana (Cod `De Probationibus et Praesumptionibus`) hemm bzonn illi jkun hemm konkors ta` indizi manifesti u mhux ta` prezunzjonijiet vagi u incerti u li jista` jkollhom sens iehor imbarra dak li qieghed lilhom attribwit. Illi ghaldaqstant f`dana l-kaz ghandu jigi ezaminat jekk hemmx konkors ta` cirkostanzi gravi, precizi, univoci u konkordanti in sostenju tat-tezi attrici…Illi l-kompless ta` dawna c-cirkustanzi kollha jista` tavolta jiggenera xi suspett affini ghall-assunt tal-atturi imma cetament ma jista` qatt jirragungi dak il-grad ta` certezza morali li jista` jaghti lill-gudikant dik il-konvinzjoni u s-serenita` ta` koxjenza necessarja biex jista` jigi skartat il-kontenut ta` att pubbliku u akkolt assunt kuntratju ghal dak il-kuntratt;*

*Illi f`cirkustanzi simili, l-konkluzjoni giet ampjament indikata mill-gurisprudenza b`dawn il-pronuncji: - 1. `In tema di prova indiziaria, se nell` ordine dei fatti possibili ve ne ha di prova indiziaria, se nell` ordine dei fatti possibili ve ne ha uno che infirmi la probabilita` dell` esistenza del fatto principale che si adduce, questo difetto e` di una forza probante concludente` (App. Bologna, 21.5.1909); 2. `Dato che le prove sieno in aperto conflitto reciproco, e` a rilevare in sostanza ed in definitive la piena ed assoluta mancanza di prova; ed e` quindi a rilevare a chi incombeva l` onere legale della prova medesima, perche` e` ovvio che su di esso debbano rivadere le conseguenze di cosi fatta deficienza` (Appello Venezia 5.7.12); 3. `Quando il giudice del merito ritiene dubbie le risultanze della prova della domanda attrice, deve `ex necesse` rigettare tale domanda, perche` il dubbio equivale*

*giuridicamente all` assoluta mancanza di prova` – Cassazione Firenze, 15 Luglio 1920. (Fadda, Comm. Art. 1312. para. 457,466, 469).*

Fl-isfond tal-premess, ladarba tregi favur il-konvenuta u l-kjamat fil-kawza l-presunzjoni tas-sincerita` tal-iskrittura tat-28 ta` Ottubru 2004, tispetta lill-attur il-prova tal-allegazzjoni tieghu illi l-ftehim fir-realta` kien donazzjoni u mhux dak li nkiteb li kien. Il-provi tal-atturi jridu jiddimostraw b`mod car u inekwivoku illi ghalkemm il-kunsens fuq il-ftehim kien validu, saret simulazzjoni bil-konoxxenza tal-partijiet. Iridu jkunu provi tajbin bizzejjed biex iwaqqghu l-presunzjoni tas-sincerita`.

Din il-Qorti qieset b`reqqa u attenzjoni kemm il-provi li ressqu l-partijiet direttament fil-kawza tal-lum, kif ukoll dawk li kienu ngabru fil-kawza bin-Nru.370/08 JZM. Irrizulta li Lorenza Borg ghexet taht l-istess waqaf ma` bintha l-konvenuta u ma` zewgha l-kjamat fil-kawza ghal numru twil ta` snin. Kienet certament tippercepixxi ghajnuna socjali (*social assistance* jew kif inhu maghruf ahjar – *relief*). L-allegazzjoni tal-attur li kienet tircievi hlas ta` cnus jew xi tip ta` dhul iehor ma kienet korraborata minn ebda prova ohra oggettiva. Mqar l-attur ma ta l-icken hjiel tal-quantum ta` dawn ic-cnus. Isostni l-attur illi Lorenza Borg kienet hadet somma flus mill-Awstralja wara l-mewt tar-ragel taghha – prova oggettiva u allura ben riskontrata ta` xi xorta tal-quantum tas-somma pero` ma gab imkien. Mill-provi li ngemghu fil-kawza Nru.370/08 JZM, irrizulta li Lorenza Borg ma kellhiex kontijiet bankarji. Dan il-fatt huwa rilevanti ghaliex jekk tassew Lorenza Borg kienet tircievi somom ta` flus, kienet forsi minn zmien ghal iehor, tiftah xi kont il-bank u forsi ggemma` xi haga tal-flus hemm. Dan ma rrizultax illi qatt sar.

Din il-Qorti qieset ukoll il-pretensjoni tal-attur li ohtu u zewgha qatt ma pprestaw servigi tali lill-omm b`mod illi kien jishoqqilhom hlas. Inghad mill-attur illi kien biss fl-ahhar sentejn ta` hajjitha li Lorenza kienet tehtieg

assistenza kontinwa.  Anzi jinghad mill-attur illi qabel dawk is-sentejn kien isir il-maqlub u cioe` illi Lorenza Borg kienet tirrendi servigi lill-konvenuta u lill-kjamat fil-kawza.

Ghal dak illi huwa hlas ghal servigi, fis-sentenzi l-antiki ma kienet tibghat l-ebda retribuzzjoni ghal assistenza lil qraba minn qraba meta dik l-assistenza ma kkagunat telf materjali izda tkun ikkagunat skomdu jew sagrificcju biss (**Wyatt utrinque** [Koll. Vo. XVI.II.316). Dawk l-ghamla ta` servigi kienet jitqiesu bhala *resi pietatis vel familiarities causa* aktar u aktar meta l-persuna li tuzufruwixxi ma jkollhiex mezzi jew il-prestazzjonijiet ikunu ta` entita` zghira ["**Farrugia vs Farrugia et”** (XVII.II.03) ; “**Farrugia vs  Farrugia noe”** (XXX.I.47) u “**Cremona vs Calleja et**” (XXXII.II.01)]

Mal-medda tas-snin, il-qrati taghna aggornaw il-hsieb taghhom [ara “**Gauci vs Camilleri et”** (XXIII.II.255)]. Beda jinghad illi ghalkemm kien minnu illi l-irbit familjari bejn min jirrendi s-servigi u min jircevihom kien jikkostitwixxi fondament attendibbli favur il-gratuwita` tas-servigi, dik il- presunzjoni setghet tigi eskluza sia mill-grad tal-parentela u sia wkoll mill-grad tas-servigi resi.  In-necessita` ta` prestazzjoni ta` certi servigi illi normalment ma jidhlux fil-hajja normali tal-familja jinnewtralizzaw il-presunzjoni tal-gratuwita [**“Frendo vs Galea”** (XXIV.II.526) u “**Abdilla vs Vassallo et noe”** (XXXIV.II.679)].  Hekk ukoll din il-presunzjoni tigi newtralizzata meta min jirrendi s-servigi jkollu jitlef ix-xoghol, jiehu hafna zmien, jew meta min jircievi s-servigi jkun faddal il-flus ghaliex ma jkunx qabbad persuna ohra bil-hlas.  Bdiet ghalhekk taqbad l–art l-idea illi l-gratuwita` u r-rinunzja ghar-retribuzzjoni ma jistghux jigu dejjem presunti bejn konsangwinei jew affini [“**Mifsud vs Saliba et”** (XXI.I.261) u “**Borg Falzon vs Dei Conti Manduca**” (XXXV.II.335)].

Din il-Qorti taghmel riferenza ghal sensiela twila ta` sentenzi tal-qrati taghna li waslu ghall-istess konkluzjoni u

cioe` li ma ghandux ikun prezunt li servigi rezi bejn qraba jinghataw minghajr l-ebda speranza ta` kumpens. Anzi kien ritenut illi l-presunzjoni ghandha tkun illi s-servigi jinghataw bl-intendiment tal-kumpens, presunzjoni li kellha taqa` biss meta ssir prova konkreta u konklussiva tal-maqlub.

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tal-14 ta` Ottubru 1946 fil-kawza "**Sammut et vs Sammut**" inghad hekk –

*Is-servigi maghmula minn persuna lil persuna ohra tal-familja jew affini jipprezumu ruhhom bhala li gew maghmula "pietatis vel familiaritatis causa". Imma l-prezunzjoni tal-gratuwita` tigi newtralizzata meta dawn is-servigi jikkagunaw mhux biss perditi materjali imma anki inkomodi jew sagrificcju personali kif ukoll meta jkun hemm in-necessita` tal-prestazzjoni jew meta dawn isiru minn persuna li tkun qeghda taghmilhom bit-tama ta` xi laxxita jew hlas jew li tkun fil-bzonn.*

*Barra minn dawn il-principji stabbiliti mill-giurisprudenza lokali, hemm imbaghad il-principji stabbiliti mix-xjenza giuridika u bazati fuq l-element legali cioe` il-fatt materjali tas-servizz akkumpanjat mill-intenzjoni tal-partijiet li jaghtuhom u rispettivament jircevuhom." (Vol XXXII-II-456)*

Sa ftit zmien wara din id-decizjoni, kienet diga` bdiet tinbidel il-posizzjoni tal-Qrati Maltin, fis-sens li bdiet issehh il-presunzjoni li min jirrendi servizzi, jirrendihom bl-intenzjoni li jigi kkumpensat ghalihom. Hekk fid-decizjoni "**Borg Falzon vs Dei Conti Manduca**" (op. cit.) inghad illi –

*Il-prestazzjoni tas-servigi mhix prezunta li saret gratuitament u l-intenzjoni tal-gratuita u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment.*

*Il-presunzjoni tan-nongratuita` giet applikata anki meta s-servigi jkunu gew ippresentati bejn parenti jekk ma*

*jirrizultawx cirkostanzi sia purche gustifikament abbundentement il-gratuita` sia purche minhabba relazzjonijiet ta` parentela.*

*It-talba tigi rigettata meta jkun jidher li fic-cirkostanzi tal-kaz meta u fil-hin li gew ppresentati servigi s-servienti ma kellux l-intenzjoni li jitlob l-hlas ta` dawk is-servigi."*

Hekk ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta` Dicembru 1958 fil-kawza "**Zammit vs Vella noe"** inghad illi –

*Il-principju tal-gratuwita` tas-servigi applikabbli biss fil-kazi fejn ir-rapporti bejn is-servut s-servjent ikun intimu ta` demm, hbiberija u affezzjoni kbira u kemm il-darba dawk is-servigi ghalkemm inkomdu kbir lil min ipprestahom ma kkagunawlux perditi materjali. U b`dan kollu, kull kaz ghandu fatti speci ghalih.*

*Il-principju tan-"non gratuwita` gie sostitwit bil-prezunzjoni kuntrarju fil-kaz b`servigi prestati bejn parenti fejn is-servigi gew ritenuti prestati "familiaritatis causa" imma f`kazijiet recenti gie applikat l-principju li kwalunkwe servigi jigi ritenuti prestati bi speranza ta` kumpens jekk ma jkunx hemm cirkostanzi li jiggustifikaw il-gratuwita`.*

*Il-Qorti tal-Appell akkordat kumpens moderat talli l-attur kienu jmorru jinvistaw regolarment fiz-zmien li kienet l-isptar u kienu jehdulha xi affarijiet tal-ikel li kienet tiehu pjacir bihom." (Vol XLII-I-621)*

Hekk ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tad-9 ta` Jannar 1952 fil-kawza "**Axiaq vs Mifsud et"** inghad illi –

*Il-prestazzjoni gratwita ma ghandhiex tkun prezunta u l-intenzjoni li wiehed jirrinunzja ghall-kumpens ma ghandhiex tigi facilment akkolta. Kull servigi ghandu jigi ritenut prestat bi speranza ta` kumpens, konklusitavament*

*il-gratwita sia pero` meta hemm relazzjonijiet ta` perentela. (Vol XXX-III-588).*

Kif ukoll illi –

*Il-kumpens ghal servigi prestati jista` ikun dovut mhux biss "jure actionis" jew meta jkun pattwit, imma ukoll "officio judicis" jew mata c-cirkostanzi juru car illi min ippresta s-servigi kellu l-intenzjoni li jithallas ghalihom. (Giuseppa Deidun vs. Emilia Poggi et, 6 ta` Jannar 1954, Vol XXXVIII-II-568)*

(ara wkoll – "**Caruana vs Farrugia et**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 2 ta` Ottubru 1996 ; "**Attard et vs Attard**" – Qorti tal-Appell – 13 ta` Ottubru 1989).

Fl-isfond tal-fattispece tal-kaz tal-lum, din il-Qorti hija tal-fehma li s-servigi li kienu rezi mill-konvenuta u minn zewgha lil Lorenza Borg kienu jimmeritaw kumpens ghaliex rrizulta li kienu resi servigi ta` certa portata, b`mod regolari u kontinwu u fit-tul. Irrizulta illi Lorenza Borg kienet marida bil-kancer, kisret il-*hip bone* darbtejn u minhabba l-ahhar ksur tal-*hipbone* spicca fis-sodod. Dan apparti l-ghadd ta` drabi li Lorenza Borg spiccat rikoverata l-isptar minhabba l-qaghda ta` sahha taghha.

Fil-ftehim de quo, jinghad illi fl-ahhar sentejn u nofs, Lorenza Borg kienet totalment dipendenti fuq il-kura u assistenza ta` bintha u ta` zewgha, illi fuq firxa ta` tnejn u ghoxrin sena, Lorenza Borg ghexet ma` bintha, li tatha kura, assistenza u servigi fil-konfront taghha, u illi billi d-dhul ta` Lorenza Borg ma kienx bizzejjed biex ikopri l-ispejjez ta` ikel, medicinali u bzonnijiet ohra taghha, kienu l-konvenuti li kienu jhallsu ghall-bzonnijiet taghha.

Il-Qorti hi tal-fehma li bil-ftehim tat-28 ta` Ottubru 2004 l-intenzjoni ta` Lorenza Borg kienet li tikkumpensa lil bintha u lil zewgha ta` dak kollu li ghamlu maghha u talli zammewha tghix maghhom ghal tul twil ta` snin.

Certament li l-intenzjoni kienet li jsir att li jkun validu f`ghajnejn il-ligi. Li kieku l-hsieb kien li ssir donazzjoni, ma kien hemm l-ebda xkiel ghall-partijiet illi flok skrittura jaghmlu att notarili.  Mhuwiex bla sinjifikat il-fatt illi Lorenza Borg mxiet skond il-parir tal-Av. Joseph Zammit Maempel illi xehed bl-aktar mod car u inekwivoku dwar x`riedu l-partijiet illi jsir bil-ftehim tat-28 ta` Ottuibru 2004. Ma kien hemm l-ebda hsieb li ssir donazzjoni.  Ghalhekk ma sarx att notarili.  Billi l-ftehim kien intiz li jsir wiehed ta` servigi, sar bil-mezz ta` skrittura privata billi att pubbliku ma kienx rikjest ghall-validita` ta` dak il-ftehim. Din il-Qorti tghid illi ma rrizultax illi Lorenza Borg, bintha u zewgha kellhom l-intenzjoni mistura li jissimulaw att ta` donazzjoni biex jaghtuha s-sembjanza ta` ftehim dwar servigi.  Il-partijiet fuq il-ftehim riedu jersqu ghal ftehim validu.  Din il-Qorti teskludi li l-partijiet ghal dak il-ftehim riedu jikkonkludu ftehim simulat li jekk jigi skopert fin-natura reali tieghu seta` jispicca annullat.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-ftehim de quo sar fil-hin propizju meta Lorenza Borg gie f`idejha ammont ta` flus derivanti minn bejgh ta` proprjeta` mertu ta` qasma tal-wirt tal-genituri. Setghet kieku riedet ipprocediet biex halliet xi legat rimuneratorju jew xi tip ta` legat iehor a favur ta` bintha u zewgha fit-testment taghha. Izda jirrizulta li hija riedet immedjatament u f`hajjitha thallas lil bintha u zewgha ghal dak li ghamlu maghha u dana in vista tal-perijodu twil ta` snin li kienet qattghet tghix maghhom. Il-fatt li bintha kienet qed tipprestalha servigi li Lorenza Borg kienet qed thossha obbligata li tikkumpensa jirrizulta wkoll minn qari tat-testmenti li ghamlet l-istess Lorenza Borg (ara fol 42 sa fol 45) fejn tghid illi bintha tatha servigi matul is-snin.

L-attur jipprova jaghmel kapital mill-fatt li huwa sar jaf bl-iskrittura  matul is-smigh tal-kawza li kien istitwixxa ghall-hlas tal-porzjon riservata ghalih skond il-ligi. Madanakollu minn ezami akkurat tal-korrispondenza skambjata bejn l-avukati fl-istadju precedenti ghall-ftuh tal-kawza rigwardanti l-hlas tas-sehem riservat lill-attur, isib li

l-avukat tal-konvenuta kien ghamilha cara illi l-assi li thallew mid-decuius kienu jammontaw ghal madwar Lm20,000. Dawn kienu l-bqija tal-flus li kien ghad fadal fil-pussess ta` Lorenza Borg wara li (i) hallset it-taxxa fuq il-kuntratt ta` bejgh ta` din l-art derivanti mill-wirt tal-genituri ohra flimkien ma` xi spejjez ohra legali ; (ii) ghamlet il-ftehim in ezami ma` bintha u zewgha u hallset l-ammont hemm imnizzel u (iii) wara li nefqet xi ftit mill-ammont ghall-bzonnijiet taghha. Inoltre, anke li kieku l-attur ma kienx jaf minn qabel bl-ezistenza ta` din l-iskrittura, dan assolutament mhuwiex prova li l-istess skrittura kienet simulata u kienet fil-verita` donazzjoni maskerata.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti, filwaqt li qeghda tilqa` l-linja difensjonali tal-konvenuta u tal-kjamat fil-kawza, qeghda tichad it-talbiet kollha tal-attur, bl-ispejjez kontra l-attur.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------